A.L. 20 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) – B.Sc. (Bus. & Comp.) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) – B.Sc. (Bus. & Comp.) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) – B.Sc. (Bus. & Comp.);

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) – B.Sc. (Bus. & Comp.); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għall-Għoti tar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. Iż-żewġ oqsma ta' studju huma dawn li ġejjin: Business Studies, u Computing Studies.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors imniżżla hawn taħt:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi grad Ċ jew aħjar f'wieħed minn dawn:

Accounting; Computing jew Information Technology; Matematika; Ekonomija;

u

(b) għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi grad Ċ jew aħjar fis-suġġetti li ġejjin jekk l-applikanti mhux diġa' offrew dawn is-suġġetti fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola:

(i) Accounting;
u (ii) *jew* Information Technology *jew* Computing.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm 180 kredtu assenjati kif ġej:

(a) l-Ewwel Sena: 28 kredtu fil-qasam ta' studju tal-Business Studies, 26 kredtu fil-qasam ta' studju tal-Computing Studies, u 6 kredti għal taqsimiet studju fakultattivi;

(b) it-Tieni Sena: 30 kredtu f'kull waħda miż-żewġ oqsma ta' studju; u

(ċ) it-Tielet Sena: 30 kredtu f'kull waħda miż-żewġ oqsma ta' studju, li jinkludu taqsima studju sinottika obbligatorja f'kull qasam ta' studju.

(2) Biex jitħallew jipproċedu għat-tieni sena tal-Kors, l-istudenti għandhom jiksbu marka ta' mhux anqas min 45% f'kull waħda mit-taqsimiet studju obbligatorji meħuda fl-ewwel sena fl-oqsma ta' studju tal-Business Studies u tal-Computing Studies.

7. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-kors u l-programmi ta' studju għal kull qasam ta' studju, imħejjija skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvati mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jagħmel xi tibdiliet neċessarji fil-programm ta' studju u fit-taqsimiet studju meħtieġa għall-Grad.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. Il-klassifikazzjoni finali għall-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tliet snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

(a) it-taqsimiet studju li jkopru l-qasam ta' studju tal-Business Studies u t-taqsimiet studju fakultattivi:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	15%
Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Marka Medja tat-Tielet Sena	65%; u

(b) it-taqsimiet studju li jkopru l-qasam ta' studju tal-Computing Studies jingħataw piż ugwali.